Din il-Qorti ħasbet fit-tul fuq dan l-aggravju u waslet għall-konklużjoni li jimmerita li jiġi akkolt;

*Omissis*;

Għall-motivi premessi din il-Qorti tiddeċidi billi: tiċħad l-appell ta' l-intervenut Joseph Falzon; tilqa' l-appell tal-konvenut Nutar Dr. Alex Sceberras Trigona u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata billi tħassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-konvenut li fi żmien xahar jikkonsenja lill-atturi s-sett tas-sodda li kien il-premju fil-lotterija imsemmija fiċ-ċitazzjoni u fin-nuqqas iħallas lill-atturi s-somma ta' seba' mitt lira (Lm700) valur ta' l-istess kamra tas-sodda, u tikkonferma l-bqija tas-sentenza;

Fiċ-ċirkostanzi l-ispejjeż kollha, inklużi dawk ta' l-ewwel istanza, għandhom jiġu ssopportati kwantu għal żewġ terzi ($^2/_3$) mill-intervenut Joseph Falzon minħabba l-intervent abbużiv tiegħu u l-persistenza f'dan l-abbuż fl-appell; ir-rimanenti terz ($^1/_3$) ta' l-ispejjeż għandu jiġi ssopportat bin-nofs bejn l-atturi min-naħa l-waħda u l-konvenut min-naħa l-oħra.

**20 ta' Frar, 1996**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D. - A/President**
**Onor. Albert Manche' LL.D.**
**Onor. Noel Arrigo LL.D.**

Dott. Austin Bencini *noe*

*versus*

Dott. Remigio Zammit Pace *noe*

## Ritrattazzjoni

*Il-ġurisprudenza tagħna dejjem għallmet li r-rimedju tar-ritrattazzjoni huwa wieħed straordinarju, inkwantu jikkostitwixxi deroga għall-prinċipju fondamentali li l-ġudikat jikkostitwixxi l-liġi bejn il-kontendenti u dan indipendentement mill-fatt jekk dak il-ġudikat jirrispekkjax kompletament il-verita' jew il-ġustizzja. Ir-Rumani kienu jesprimu dan il-kunċett bil-massima* res judicata pro veritate habetur.

*Minn dan tintissel il-konsegwnza loġika li r-regoli li jirregolaw dan l-istitut tar-ritrattazzjoni huma ta' interpretazzjoni strettissima. Diversament, taħt il-pretest tar-ritrattazzjoni, il-litigant sokkombent ikun jista' jerġa' jiftaħ il-kawża u b'hekk, indirettament joħloq għalih tribunal tat-tielet istanza, ħaġa li mhix permessa mil-liġi.*

Il-Qorti:-

Rat is-sentenza mogħtija fit-2 ta' Lulju, 1992 minn din il-Qorti diversament komposta, fejn jinsabu miġbura t-talbiet tas-soċjeta` attriċi u l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta konvenuta u li biha ġie milqugħ l-appell li din is-soċjeta` interponiet fil-konfront tas-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ fit-28 ta' Ottubru, 1985 u fejn din il-Qorti ta' l-Appell iddeċidiet li:

"Il-kuntratt ta' assikurazzjoni bejn il-partijiet ma kienx ikopri r-riskji li joħloq *riot* u għalhekk il-kumpannija attriċi ma tistax tirkupra d-danni konsegwenzjali li soffriet minħabba l-istess *riot*

tal-15 ta' Ottubru, 1979;

Fiċ-ċirkostanzi insoliti u speċjali ta' dak kollu li ġara - l-ispejjeż kollha jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet";

Rat il-petizzjoni preżentata fl-1 ta' Ottubru, 1992 minn Dottor Austin Bencini *nomine* li biha ssottometta illi s-sentenza ta' din il-Qorti tat-2 ta' Lulju, 1992, hija soġġetta għar-ritrattazzjoni għaliex applikat il-liġi ħażin fis-sens ta' l-artikolu *811* (e) *tal-Kodiċi ta'* Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) u għalhekk talab li, prevja r-revoka ta' din is-sentenza, din il-Qorti jogħġobha tordna r-ritrattazjoni tal-kawża u fil-meritu, tilqa' d-domanda tas-soċjeta` attriċi - bl-ispejjeż inklużi dawk ta' dina l-proċedura kontra s-soċjeta` konvenuta;

Rat ir-risposta tas-soċjeta` konvenuta li biha opponiet it-talba għar-revoka tas-sentenza tat-2 ta' Lulju, 1992, billi l-petizzjoni ta' l-attur *nomine* kienet nulla għaliex huwa ma ottemperax ruħu ma' l-artikolu 816, Kap. 12 stante li ma indikax speċifikatament il-liġi li l-Qorti kellha tapplika jekk u meta tordna r-ritrattazzjoni u billi, fil-meritu, is-sentenza impunjata ma għamlet l-ebda applikazzjoni ħażina tal-liġi fis-sens ta' l-artikolu 811 (e) ċitat, u għalhekk it-talba għar-revoka ta' l-istess sentenza kellha tiġi respinta;

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, semgħet l-avukati tal-partijiet dwar it-talba għar-ritrattazjoni limitatament għall-istadju *in rescindente*;

It-talba għar-ritrattazzjoni hija bbażata fuq il-motiv li s-sentenza impunjata applikat il-liġi ħażin. L-inċiż (e) ta' l-artikolu 811 tal-Kap. 12 jispjega u jfisser aħjar dan il-motiv ta' ritrattazzjoni

hekk:

"Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li kien hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi, fil-każ biss li d-deċiżjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skond il-liġi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' liġi, li fuqha l-Qorti tkun espressament tat deċiżjoni";

Il-ġurisprudenza tagħna dejjem għallmet li r-rimedju tar-ritrattazzjoni huwa wieħed straordinarju, inkwantu jikkostitwixxi deroga għall-prinċipju fondamentali li l-ġudikat jikkostitwixxi l-liġi bejn il-kontendenti u dan indipendentement mill-fatt jekk dak il-ġudikat jirrispekkjax kompletament il-verita` jew il-ġustizzja. Ir-Rumani kienu jesprimu dan il-kunċett bil-massima *res judicata pro veritate habetur*. F'dan il-kuntest, tista' ssir referenza għas-sentenza riportata fil-Kollez. Vol. XXV-I-137 fejn tant tajjeb ġie sottolineat li r-rimedju tar-ritrattazzjoni:

"*Non si da` per qualunque caso di vera o supposta ingustizia, di vero o supposto errore di fatto o di diritto, ma solo in quei casi tassattivamente stabbiliti dalla legge dovendo in ogni altro caso prevalare la stabbilita` del giudicato che sola puo` mettere fine alle liti, poiche` l'autorita` della cosa giudicata importa grandemente alla sicurezza civile*";

Minn dak li ntqal sa issa tintissel il-konsegwenza loġika li r-regoli li jirregolaw dan l-istitut tar-ritrattazzjoni huma ta' interpretazzjoni strettissima (Kollez. Vol. XXVII-I-818). Diversament, taħt il-pretest ta' ritrattazzjoni, il-litigant sokkombent ikun jista' jerġa' jiftaħ il-kawża u b'hekk, indirettament joħloq għalih tribunal tat-tielet istanza (Kollez. Vol. XLII-I-227), ħaġa li mhix

permessa mil-liġi. Kif sewwa ġie osservat fis-sentenza ta' Sir Antonio Micallef tat-3 ta' Jannar, 1873, riportata fil-Kollez. Vol. VI f'paġna 345:

"*Non vi e' un caso, in cui si contesti la lite ed in cui non si controverta sul senso della legge dei contratti e dei testamenti, e non vi e' un caso in cui la parte soccombente non possa pretendere essere stata a suo danno commessa un'ingustizia*" (f'paġna 368 u 369);

Kwantu għall-impunjazzjoni tas-sentenza fuq il-motiv ta' applikazzjoni ħażina tal-liġi, fis-sens ta' l-artikolu 811 (e) Kap. 12, tista' ssir referenza għal dak li ġie osservat fis-sentenza ta' din il-Qorti mogħtija fit-3 ta' Ġunju, 1994 fil-kawża **Reginald Micallef *et noe* vs Godwin Abela *et noe***:

"Illi biex jiġi deċiż jekk kienx hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi, il-fatti tal-kawża ma jistgħux jiġu eżaminati mill-ġdid. Lanqas jistgħu jiġu valutati jew interpretati b'mod ieħor, għajr kif ġew valutati u interpretati fis-sentenza attakkata. Ikun hemm lok għal ritrattazzjoni fuq dan il-motiv jekk, fuq dawk il-fatti kif jirriżultaw ippruvati, ikun jidher li l-Qorti applikat disposizzjoni tal-liġi flok disposizzjoni oħra li kellha proprjament tiġi applikata. Jekk jirriżulta li s-sentenza impunjata tkun applikat il-liġi korretta għall-fatti tal-każ; xorta waħda ma hemmx lok għal ritrattazzjoni fuq il-motiv tas-sub-inċiż (e) nonostante li l-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti lil dik il-liġi tkun skorretta. Biex ikun hemm lok għal ritrattazzjoni fuq dan il-motiv, irid jintwera li l-Qorti, fis-sentenza impunjata, applikat il-liġi l-ħażina għall-każ u mhux li applikat il-liġi t-tajba b'mod ħażin";

*Omissis*;

L-ewwel preġudizzjali li ressqet is-soċjeta` konvenuta għat-talba għar-ritrattazzjoni tal-kawża hija li l-petizzjoni tar-ritrattant ma kinitx konformi mar-rekwiżiti tal-liġi u konsegwentement kienet nulla. Ġie spjegat li l-artikolu 816 tal-Kap.12 jesiġi li meta t-talba għar-ritrattazzjoni tkun ibbażata fuq applikazzjoni ħażina tal-liġi, min jagħmel it-talba hu obbligat li jindika liema liġi kellha tiġi applikata. Ġie osservat li l-attur naqas li jagħmel dan, tant li hu talab ir-revoka tas-sentenza tat-2 ta' Lulju, 1992 u r-ritrattazjoni tal-kawża, iżda naqas li jagħmel domanda speċifika liema hi l-liġi li l-Qorti kellha tapplika jekk u meta tordna r-ritrattazzjoni;

Fil-fehma tal-Qorti, din il-kritika ta' l-operat tar-ritrattant tidher ġustifikata. Infatti, meta r-ritrattant jindika li l-Qorti messha applikat (a) in-normi tad-dritt privat internazzjonali (b) sabiex tistabbilixxi l-*proper law of the contract* u (ċ) imbagħad tapplika r-*rules of construction* relattivi sabiex tinterpreta l-klima tal-kuntratt skond kif fehmuhom il-kontendenti, ċertament, ir-ritrattant ma jkunx issodisfa l-vot tal-liġi kif rikjest fl-artikolu 816 fuq imsemmi. Fil-parti introduttiva ta' din is-sentenza ġie ribadit li d-disposizzjonijiet ta' l-istitut tar-ritrattazzjoni huma ta' interpretazzjoni strettissima. Ir-ritrattant għażel li jkun verament vag u ġeneriku fl-indikazzjoni tal-liġi li fil-fehma tiegħu messha ġiet applikata. Fil-fehma tal-Qorti, dana l-operat mhux konformi mad-dettam tad-disposizzjoni tal-liġi msemmija, li titkellem ċar ħafna fuq ir-rekwiżiti li għandu jkollha petizzjoni għar-ritrattazzjoni;

*Omissis*;

Il-Qorti tinnota li bejn it-teżi ta' l-attur u l-osservazzjonijiet li

għamlet il-Qorti fis-sentenza impunjata hemm distakk enormi kemm fl-interpretazzjoni tal-kelma *riot*, u kemm fl-interpretazzjoni ta' l-artikolu 79 tal-Kodiċi Kriminali u kemm ukoll fl-apprezzament tal-fatti li ġraw fil-15 ta' Ottubru, 1979. Anke kieku wieħed kellu jirritjeni "per mera ipotesi" li l-interpretazzjoni u l-apprezzament li tat il-Qorti kienu żbaljati, xorta waħda dawn il-ġudizzji mhumiex ċensurabbli għall-finijiet fir-ritrattazzjoni, skond il-prinċipji fondamentali appartenenti dan l-istitut esposti aktar qabel f'din is-sentenza, għaliex jappartjenu għall-konvinċiment insindakabbli tal-ġudikant;

*Omissis*;

Bħala konklużjoni jista' jingħad li jekk il-motivazzjoni kontenuta fis-sentenza mpunjata jiġu debitament analizzati, għandu jinstab li ma kienx hemm ebda applikazzjoni ħażina tal-liġi, liema każ jimmanifesta ruħu meta jkun hemm:

"*la violazione manifesta di una legge espressa, chiara, non soggetta ad interpretazione, ne' a raziocinio o argomenti*" (Kollez. Vol. VII-526 f'paġna 531);

Għal dawn il-motivi:

Tiddeċidi billi tirrespinġi d-domanda għar-ritrattazzjoni tal-kawża fuq imsemmija - bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' attriċi ritrattanti.